




Kitba ta' Mario Fenech

# Il-Kwadru tal-Lunzjata fil-Katidral ta' l-Imdina

Il-ġrajja tat-tħabbira ta' l-anġlu lill-Verġni Marija, insibuha spjegata f'għadd ta' kotba, statwi, u pitturi, bl-akbar mod solenni minn tant artisti ta' fama. Fil-gżejjer Maltin din il-ġrajja niltaqgħu magħha f'ħafna okkażjonijiet, għalhekk mhux xi ħaġa li mhix tas-soltu li niltaqgħu ma' kwadru ta' valur artistiku kbir ħafna b'dan is-suġġett fil-Katidral ta' l-Imdina.

Il-kwadru li se naraw flimkien permezz ta' dan l-artiklu, huwa xogħol ta' l-Artist Pietro Gagliardi li għex bejn is-sena 1809 u s-sena 1890. Dan l-artist huwa magħruf sew f'Malta għad-diversi xogħlijiet li għamel biex isebbaħ il-knejjes tagħna.

F'dan il-kwadru ta' daqs kbir naraw ix-xbiha tal-Madonna b'rasHa baxxuta qiegħda tisma' dak li qiegħed jgħidilha l-Anġlu Gabriel. Impressjonanti ħafna huma dawn iż-żewġ uċuħ kif pinġihom l-artist. Il-ħarsa fuq



wiċċ il-Madonna hija waħda ta' umiltà liema bħala filwaqt li dik ta' l-Anġlu Gabriel hija ħarsa mimlija ħlewwa u qdusija. Filwaqt li l-kuluri ta' l-ilbies tal-Madonna huma dawk li normalment naraw fi kwadri bħal dawn, il-ħwejjeġ ta' l-Anġlu Gabriel huma ta' kulur ċelesti b'ħafna stilel ta' kulur dehbi. Dawn il-kuluri jagħtuna impressjoni ta' xi ħaġa li hija ġejja mis-sema u hawnhekk naraw kemm kien kapaċi l-artist fl-espressjonijiet tiegħu fil-ġrajja li jkun qiegħed jirrakkonta permezz tal-pniezel tiegħu.

Gagliardi ma qagħadx lura milli jidħol f'dettalji sbieħ u importanti ta' din ix-xena. Il-ġilju fin-nofs bejn il-figuri tal-Madonna u l-Arkanġlu Gabriel huwa xempju tas-safa ta' Marija, għal daqstant, dan l-artist pinġieh fl-isfond tar-raġġi mimlija ħajja neżlin mis-sema bil-figura ta' l-Ispirtu s-Santu ppreżentat fil-forma tradizzjonali ta' ħamiema bajda.

Il-kuluri użati fiż-żewġ personaġġi li semmejna huma ferm differenti minn dawk li bihom l-artist ippreżentalna l-figuri tal-profeti li kienu jħabbru miż-żminijiet imbiegħda l-wasla tal-Messija.

Sabiħ ħafna huwa l-messaġġ li hemm miktub fuq il-faxxa twila ta' parċmina li naraw għaddejja minn id għall-oħra ta' dawn il-profeti. Il-kuluri ċari u bojod tal-ħwejjeġ tagħhom huma xhieda ta' Glorja u fl-istess ħin ta' serenità f'dan il-messaġġ ta' paċi mibgħut lilna fuq din l-art.

Fil-fehma tiegħi dan il-kwadru ta' l-Artist Pietro Gagliardi huwa wieħed mill-isbaħ li għandna f'Malta b'dan is-suġġett tat-tħabbira ta' l-Anġlu lill-Verġni Marija.

Fuq nota personali ngħid li l-wiċċ ta' l-Arkanġlu Gabriel jista' jkun li kien ta' ispirazzjoni għall-Istatwarju Karlu Darmanin għaliex jekk wieħed jiflih sew u bir-reqqa, dan għandu jxebbaħ dan il-wiċċ u l-forma tax-xagħar ma' dawk ta' l-anġli li naraw u li huma magħrufa bħala Ta' Darmanin.

Filwaqt li nħeġġeġ lil dawk kollha li jaqraw dan l-artiklu biex meta jkollhom ċans iżuru l-Katidral ta' l-Imdina u jaraw sew dan il-kwadru, nawgura l-festa t-tajba lil kulħadd.